

**Mistoqsija għal twegjiba bil-miktub E-005286/2014**  
**lill-Kummissjoni**  
Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura  
**Claudette Abela Baldacchino (S&D)**

Suġġett: In-nisa fl-ekonomija ekoloġika

Ir-Rapport tas-17 ta' Lulju 2012 dwar ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika<sup>1</sup> jirreferi għall-ħtieġa li l-ekonomija ekoloġika u dik sostenibbli, li min-naħa tagħha tinkludi ekonomija soċjali u ekoloġikament sostenibbli, jitpoġġew fuq l-istess livell. Dan ovvjament ifisser ukoll ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Ekonomija ekoloġika jew sostenibbli hi sistema li tippreserva l-kapaċità produttiva tal-ekosistema (it-tolleranza tal-pjaneta) filwaqt li toħloq soċjetà fejn jiġu ssodisfati l-bżonnijiet bażiċi ta' kulħadd. Għalhekk l-iżvilupp ekonomiku f'ekonomija ekoloġika jseħħ fil-kuntest ta' dak li tista' tittollera n-natura, u tiżgura distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi bejn in-nies, bejn in-nisa u l-irġiel, u bejn il-ġenerazzjonijiet.

Ir-rapport stieden lill-Istati Membri jiżviluppaw korsijiet ta' taħriġ, permezz ta' programmi tal-UE, bħall-FEŻR u l-FSE, imfasslin biex jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għall-impjiegi 'ekoloġiċi', u t-teknoloġiji l-ġodda b'impatt ambjentali baxx, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku; stieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema nisa jiddaħħlu aktar fi proġetti u programmi ta' taħriġ dwar it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi, jiġifieri, fis-settur rinnovabbli u f'impjiegi intensivi tax-xjenza u t-teknoloġija, u biex jiffukaw sabiex permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jagħtu lin-nisa l-kompetenzi u l-kwalifiki li jkollhom bżonn sabiex jikkompetu mal-irġiel b'mod indaqs fl-impjiegi u fl-iżvilupp tal-karriera individwali; u osserva li l-irġiel għandhom aċċess eħfef għall-mezzi avvanzati ta' produzzjoni tal-agrikoltura u tat-teknoloġiji tan-negozju meħtieġa biex jinkisbu pożizzjonijiet ta' livell għoli fl-ekonomija ekoloġika.

1. Tista' l-Kummissjoni tagħti rendikont dettaljat tad-data statistika dwar in-nisa preżenti fl-ekonomija ekoloġika?
2. Tista' l-Kummissjoni telenka l-impjiegi u l-opportunitajiet ta' impjiegi għan-nisa f'dan il-qasam?
3. Tista' l-Kummissjoni tagħti d-data statistika dwar il-korsijiet ta' taħriġ żviluppatti permezz ta' programmi tal-UE u dwar kemm-il mara bbenefikat minn korsijiet bħal dawn?

---

<sup>1</sup> Testi adottati. P7\_TA(2012)0321.